Laqgħa Reġjun Port - Nu 9/2022 tar-Raba' Amministrazzjoni

Data: Il-Ħamis, 28 ta' Lulju 2022

Ħin: 17:30

Bdiet: 17:30

Post: Uffiċju Amministrattiv Reġjun Port, 97 Santa Marija Street, Tarxien

| | | | |
|---|---|---|---|
| Chev Paul Farrugia | President | Reġjun Port | Preżenti |
| Is-Sur Marco Agius | Sindku | Kunsill Lokali Bormla | Preżenti |
| Sur John Boxall | Sindku | Kunsill Lokali Birgu | Assenti |
| Sur Clayton Portelli Cascun | Viċi - Sindku | Kunsill Lokali Fgura | Preżenti |
| Sur Vincent Borg | Sindku | Kunsill Lokali Floriana | Preżenti |
| Sur Clive Pulis | Sindku | Kunsill Lokali Isla | Preżenti |
| Sur Wayne Aquilina | Sindku | Kunsill Lokali Kalkara | Preżenti |
| Sur Dominic Grima | Sindku | Kunsill Lokali Paola | Skużat |
| Sur Joseph Abela Galea | Sindku | Kunsill Lokali Tarxien | Preżenti |
| Sur Alfred Zammit | Sindku | Kunsill Lokali Valletta | Skużat |
| Sur Neil Attard | Sindku | Kunsill Lokali Xgħajra | Preżenti |
| Sur Jorge Grech | Sindku | Kunsill Lokali Zabbar | Preżenti |
| Sa Lianne Cassar | Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv | Reġjun Port | Preżenti |
| Sa. Zoe Jay Fletcher | Uffiċjal Maniġerjali Ambjent | Reġjun Port | Preżenti għall-parti minn laqgħa |
| Sa. Gerlene Camilleri | Segretarjat | Gvern Lokali | Preżenti għall-parti minn laqgħa |
| L-Onor. Alison Zerafa Civelli | Segretarju Parlamentari | Gvern Lokali | Preżenti għall-parti minn laqgħa |

**9.1 Ittri ta' Apoloġija**

9.1.1 Il-President semma li s-Sur Alfred Zammit u s-Sur Dominic Grima talbu li jkunu skużati għal din il-laqgħa peress li kellhom impennji personali. Il-President semma li s-Sur John Boxall ma kienx

informa li mhux ser jattendi. Fuq proposta tal-President, issekondata mis-Sur Vince Borg, il-Kumitat qabel li dawk li infurmaw jitniżlu bħala skużati u dawk is-Sindku tal-Birgu li ma nfurmax li mhux ser jattendi jitniżel bħala assenti.

**9.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu.7**

9.2.1 Il-President ippreżenta l-minuti tal-Laqgħa Nu. 7 hekk kif mibgħutha mis-Segretarju Eżekuttiv. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Wayne Aquilina, il-Kumitat approva l-minuti hekk kif preżentati.

**9.3 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa b' Urġenza Nu.8**

9.3.1 Il-President ippreżenta l-minuti tal-Laqgħa Nu. 8 hekk kif mibgħutha mis-Segretarju Eżekuttiv. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Jorge Grech, il-Kumitat approva l-minuti hekk kif preżentati.

9.3.2 Il-President talab li tiġi sospiża l-Aġenda peress li kienet waslet l-Onor. Alison Zerafa Civelli u għaldaqstant ippropona li tibda l-laqgħa mas-Segretarju Parlamentari. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Clive Pulis, il-Kumitat qabel li għandu jissospendi l-laqgħa.

9.3.3 L-Onor. Zerafa Civelli u s-Sa. Camilleri daħlu għal-laqgħa fis-17:53.

**9.3 Laqgħa mal-Onor. Alison Zerafa Civelli**

9.3.1 Il-President irringrazzja lill-Onor. Zerafa Civelli talli laqgħat l-istedina tar-Reġjun għal din il-laqgħa. Il-President semma li huwa ser jelenka diversi sfidi li minnhom għaddej ir-Reġjun u li prattikament il-ħidma tar-Reġjun twaqfet minħabba li kien għaddej Interim Audit u wara Direttiva maħruġa mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali. Il-President tenna li huwa mhux ser ikompli jelabora imma għadda kopja tad-dokumenti relatati lis-Sa. Camilleri sabiex is-Segretarju Parlamentari jkollha viżibilita' ta' dak li r-Reġjun għaddej minnu. Il-President semma wkoll li talab laqgħa mad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali, liema laqgħa jidher li ma ngħtatx wieden għaliha.

9.3.2 Is-Sur Wayne Aquilina semma li filwaqt kif kulħadd forsi jaf li s-sitwazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Kalkara mhix waħda favorevoli, saru l-laqgħat kollha neċessarji sabiex isir pjan għal triq 'l quddiem sabiex din is-sitwazzjoni titjieb. Biss pero dan qed jimpedixxi lill-Kunsill milli jidħol fi proġetti u jibbenifika minn skemi. Semma li permezz ta' Business Plan b' saħħtu u triq 'l quddiem kif ser jiġi irkuprat dan id-dejn, il-Kunsill għandu jingħata ċ-ċans li jkompli javvanza għall-ġid komuni tar-residenti.

9.3.3 L-Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv semmiet l-isfidi li r-Reġjun għandu fejn jidħol it-Tribunal Lokali. Semmiet kif minkejja li ħafna mill-affarjiet qed ikunu diġitali, ir-Reġjun għadu qed iħallas renta ta' żewġ garaxxijiet sabiex jagħmel fihom l-arkivji. Semmiet li hemm bżonn li jsiru laqgħat mill-aktar fiss possibbli bejn l-amministrattiv ta' kull Reġjun u Tribunal flimkien mad-Diviżoni u DPOs tar-Reġjuni sabiex titfassal Document Retention Policy komuni u ċara għat-Tribunali kollha. Semmiet ukoll li t-Tribunal Lokali Żejtun ħafna drabi jkolli jingħalaq għax jopera biss b' Deputat Reġistratur li hija mislufa mid-Diviżjoni għall-Gvern Loakli u ħaddiema waħda klerikali. Għaldaqstant meta d-Deputat Reġistratur tkun bi sick, is-seduti jkollhom jiġu diferiti. Dan b' detriment għar-residenti li jkollhom xi appell. Semmiet ukoll stanzi fejn it-Tribunal Lokali Żejtun ma jkollux seduti u mentri Tribunali oħrajn jista' jkunu bi staff nieqes jew b' ħafna xogħol. Għaldaqstant semmiet li wieħed għandu jikkonsidra li jkun hemm pool ta' impjegati li jolternaw fit-Tribunali skond il-ħtieġa.

9.3.4 Il-President semma li jinstab ukoll urtat kif il-Fondazzjoni li kien propona li jagħmel ir-Reġjun u kienet saret talba lid-Diviżjoni, ir-Reġjun baqgħa mingħajr risposta mentri fuq it-televiżjoni riċentament kien isemma li saret Fondazzjoni min-naħa tal-Kunsill Lokali Nadur Għawdex. Għaldaqstant, il-President irrimarka li r-Reġjun ikollu Fondazzjoni mijiex xi ħaġa impossibbli, imma semma li mingħajr ir-rieda ta' kulħadd ċertament l-affarjiet ma jistgħux jimxu.

9.3.5 Il-President semma li l-Induction Course tal-Uffiċjali Reġjonali kien għadu ma sarx minkejja li ħafna Uffiqjali kienu ġew impjegati u anki hemm minnhom li telqu.

9.3.6 L-Onor. Zerafa Civelli irringrazzjat lil dawk preżenti għall-preżenza tagħhom. Semmiet li r-Reġjun minkejja l-isfidi kollha għandu jkompli bil-ħidma tiegħu. Semmiet li r-Reġjun għandu jħejji pjan ta' ħidma għas-sentejn li ġejjin biex ladarba d-Direttiva meħuda tiġi rilaxxata, wieħed ikollu triq 'l quddiem. L-Onor. Zerafa Civelli, semmiet li ser ikun hemm tibdil ukoll fuq fondi għall-belt Kulturali fejn issa din ser tkun fuq bażi Reġjonali għaldaqtant, ir-Reġjun kollu ser ikun qed jibbenifika minn dawn il-fondi. L-Onor. Inkoraġġiet lis-Sindki sabiex Membri Eletti kif ukoll l-amministrattiv jattendu għal taħriġ li jiġi organizzat anki mill-AKL minn żmien għal żmien.

9.3.6 Is-Sur Portelli Cascun semma l-problema li hemm sabiex Kunsill jagħmel reklutaġ. Semma li rekwiżiti li hemm bħal issa mhumiex relevanti għaż-żmien tal-lum.

9.3.7 Is-Sur Joseph Abela Galea, semma li bħal fil-każ u l-proċessi li intużaw għall-fondi tal-LESA għandhom jiġu applikati għall-skemi differenti. Dan fejn Kunsill Lokali li jkun ibbenifika fit-tali sena ma jkunx jista' jerġa' jibbenifikai mill-istess fond f' inqas minn żmien stipulat. Dan sabiex wieħed jassigura li l-Kunsilli jkun imisshom xi ħaġa kollha.

9.3.8 Is-Sur Clive Pulis ikkjarifika l-pożizzjoni tal-Kunsill fil-konfront tal-Universita' Amerikana f' Malta.

9.3.9 Il-President semma wkoll li r-Reġjun għadu qed jitħabbat mal-Awtorita' tal-Artijiet sabiex ikun jista' jinbena l-proġett ta' reachout centre. Ir-Reġjun qiegħed jistenna risposta dwar parti żgħira mill-

art mill-Awtorita' tal-Artijiet. Dan għal fatt li l-art hija devoluta lir-Reġjun ħlief għal din il-parti żgħira. Il-President saġansitra talab għal-laqgħa mal-Ministru l-Onor. Aaron Farrrugia sabiex tkun diskussa din il-materja. Il-President saħansitra bagħat reminders kif ukoll ritratti ta' din l-art mas-Sur Clayton Portelli Cascun li huwa wkoll Membru fil-Kumitat tar-Reġjun. Il-President isosstni li minkejja t-tentattivi kollha, ir-Reġjun għadu mingħajr risposta u mingħar data għal-laqgħa mal-Ministru.

9.3.10 Is-Sur Clive Pulis talab li jkun skużat mil-laqgħa fis-19:07.

9.3.11 Is-Sur Vince Borg semma li xi kontijiet li ħareġ il-Kunsill fuq permessi ta' attivitajiet tal-massa qed jiġu kontestati.

9.3.12 L-Onor Zerafa Civelli u s-Sa. Camilleri talbu li jkunu skużati mil-laqgħa fis-19:07.

**9.4 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta l-iskeda ta' pagamenti Nru 08/2022**

9.4.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata minn mis-Sur Jorge Grech u s-Sur Neil Attard ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn l-24 ta' Ġunju 2022 u 28 ta' Lulju 2022 li kienet tammonta għall-€89,662.87.

**9.5 Preżentazzjoni u Approvazzjoni għar-Rapport Finanzjarju Tieni Kwart tas-Sena 2022**

9.5.1 Il-President preżenta r-rapport finanzjarju. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv tat spjega ta' dak li kien hemm miktub anki fl-overview tar-rappport.

9.5.2 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Marco Aguis, il-Kumitat approva r-rapport hekk kif preżentat.

9.5.3 Is-Sur Joseph Abela Galea talab li jkun skużat fis-19:10.

**9.6 Applikazzjoni għal Fond mill-European City Facility Fund**

9.6.1 Is-Sa. Zoe Jay Fletcher, Uffiċjal Maniġerjali għall-Port, spjegat lil dawk preżenti fuq il-Fond tal-EUCF kif ukoll tat ħarsa lejn il-Concept Note li ser tkun qed tippreżenta lill-Kunsilli Lokali sabiex ir-Reġjun Port f' isem il-Kunsilli Lokali jkun qed japplika għal dan il-fond ta' riċerka.

9.6.2 Isa. Sa. Fletcher semmiet li l-Kunsill Lokali tal-Fgura peress li huwa ċertifikat u għandu l-istudju ta' SEAP kien propost biex ikun lead applicant tal-proġett. Kien hemm qbil li r-Reġjun għandu jibda komunikazzjoni mal-Kunsilli Lokali tal-Fgura sabiex din l-applikazzjoni tkun suċċess.

9.6.3 Is-Sa. Fletcher semmiet li ser tkun qed tikkomunika mal-Kunsilli Loakli u entitajiet ikkonċernati sabiex tiġbor l-informazzjoni neċessarji.

**9.7 ĊIRKULARI NUMRU SPI/SCI/7/2022 - Espressjoni ta' Interess - World Cleanup The World Campaign 2022**

9.7.1 Is-Sa. Zoe Fletcher spjegat li r-Reġjun jekk dejjem hemm interess mill-Kunsilli kien ser jikkordina applikazzjoni f' isem Kunsilli Reġjonali sabiex jipparteċipaw fi skema maħruġa mid-Diviżjoni sabiex issir Clean up fil-lokalitajiet.

9.7.2 Kien hemm qbil minn dawk preżenti li din l-attivita' ssir b' mod kollettiv u mexxija mir-Reġjun.

9.7.3 il-President semma li ser tkun iċċirkulata l-informazzjoni kollha mal-Kunsilli Lokali fi ħdan ir-Reġjun u ser tkun qed jinġabar l-interess u anki l-informazzjoni rigward liema żona ser tkun qed tiġi mnadfa.

**9.8 Komunikazzjoni oħra mill-President**

9.8.1 Il-President semma li r-Reġjun irċieva l-approvazzjoni tal-emblema u għaldaqstant ser ikun qed ikompli bi re-branding.

9.8.2 Il-President semma li ladarba re-branding ikun sar ser issir data li fiha jsir l-AGM tar-Reġjun. Semma li dettalji jitħabbru aktar 'l quddiem.

**9.9 Aġġornament**

9.9.1 Il-Laqgħa ġiet fi tmiemha fis-20:30, il-Membri qablu li għandhom jaġġornaw u jerġgħu jiltaqgħu nhar l-Erbgħa, 24 t' Awwissu fil-17:30 fl-Uffiċju tar-Reġjun.

Chev Paul Farrugia

President Reġjun Xlokk

Lianne Cassar

Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv